MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 426/2005/1

**Mary Ann Borg bħala leġittima rappreżentanti ta' binha minuri Daniel Borg**
***v*.**
**Korporazzjoni Enemalta u Charles Bonello**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza li ċaħdet it-talbiet tiegħu kontra ż-żewġ konvenuti wara li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili (preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat) imressqa mill-ewwel konvenuta.
2. Il-fatti huma dawn: l-awtur tal-attur miet f'inċident li l-attur jgħid li seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew ta' xi wieħed

minnhom, u għalhekk talab il-ħlas ta' danni. L-ewwel konvenuta, il-Korporazzjoni Enemalta [“Enemalta”], ressqet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili; il-konvenut l-ieħor, Charles Bonello, ressaq biss eċċezzjonijiet fil-meritu. Wara li l-kawża tħalliet għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

“… … … filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta, tiddikjara illi t-talba attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u tiċħad it-talbiet kollha attriċi; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.”

3. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Illi bażikament is-sottomissjoni tal-korporazzjoni EneMalta hija fis-sens illi din il-kawża hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u dana peress illi ma jirriżultax illi bejn l-atturi u l-Korporazzjoni EneMalta kienet teżisti xi relazzjoni kuntrattwali u peress ukoll illi l-akkadut ma jistax jitqies bħala delitt u għalhekk skond il-Korporazzjoni konvenuta l-azzjoni tal-atturi kontra l-Korporazzjoni EneMalta għandha titqies bħala azzjoni akwiljana li inkwantu għall-terminu ta' preskrizzjoni hija regolata mill-artikolu 2153 illi jippreskrivi t-terminu ta' sentejn illi fih għandha tittieħed azzjoni ġudizzjarja. Għalhekk il-korporazzjoni konvenuta ssostni illi peress illi għaddew ferm aktar minn dawn is-sentejn u l-preskrizzjoni ma ġiet interrotta jew sospiża bl-ebda mod, il-kawża odjerna hija preskritta.

“Illi l-attriċi tissottometti *invece* illi l-azzjoni hija regolata mhux mill-Kodiċi Ċivili, iżda mill-Kodiċi Kriminali, u dan joħroġ mill-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili illi jgħid illi d-danni ikkaġunati b'reat mhumiex regolati mill-Kodiċi Ċivili, iżda mill-Kodiċi Kriminali, u l-Kodiċi Kriminali jgħid illi dak li jiġri kaġun ta' nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti huwa reat punibbli b'perjodu ta' priġunerija ta' sentejn u għalhekk, skond l-attriċi, dan huwa regolat bl-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali illi jippreskrivi terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin u b'hekk, skond l-attriċi, kawża ċivili għad-danni ibbażata fuq omiċidju involontarju hija regolata b'terminu ta'

preskrizzjoni ta’ ħames snin u mhux ta’ sentejn, u dan minkejja l-fatt illi l-inkjesta maġisterjali ikkonkludiet illi l-inċident illi tort tiegħu miet Joseph Borg seħħ tort tal-azzjoni negliġenti tal-istess Joseph Borg.
“… … … fil-kaz odjern … ma hemm l-ebda proċeduri kriminali li jistgħu jittieħdu skond ir-rapport tal-maġistrat Inkwirenti illi jinsab esebit f’dawn il-proċeduri. Il-qorti *inoltre* tirrileva illi l-istess attriċi tidher illi qablet mar-rapport tal-maġistrat inkwirenti għaliex ma jirriżultax illi ħadet xi passi sabiex timpunja tali konklużjoni tal-maġistrat inkwirenti.
“Illi għalhekk il-qorti tara illi l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u mhux l-artikolu 2154 kif qiegħda ssostni l-attriċi.
“Illi l-qrati tagħna dejjem irritenew illi “l-preskrizzjoni ta’ sentejn imsemmija fl-artikolu 1917 tal-Ordinanza VII tal-1868 (illum artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili) hija applikabbli għad-danni extra-kontrattwali, jiġifieri d-danni illi jirriżultaw mhux minn inadempjenza ta’ obbligazzjoni iżda *ex delicto vel quasi*”.
“… … …
“Illi l-preskrizzjoni għal għemil illeċitu li ma jammontax għal reat hija dik ta’ sentejn *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. … … … Illi … l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar illi l-azzjoni tista’ tiġi eżerċitata. … …
“Illi f’dan il-każ il-mewt ġrat fil-21 ta’ Ottubru 2002 u hija minn dik id-data illi beda jiddekorri l-perjodu ta’ preskrizzjoni ta’ sentejn. Iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata mill-attriċi fl-4 ta’ Mejju 2005 u għalhekk wara illi iddekorra il-perjodu ta’ preskrizzjoni applikabbli għall-każ odjern.”
4. L-attur appella u talab illi l-qorti tħassar is-sentenza jew, jekk ma tħassarhiex fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni, tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet kontra ż-żewġ konvenuti u tgħid illi t-talbiet huma miċħuda biss safejn magħmula kontra Enemalta.  L-aggravji fissirhom hekk:

“Illi l-ewwel qorti kienet legalment żbaljata meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta. Il-korporazzjoni konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellanti mill-banda l-

ohra ssottomettiet illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kontemplata fl-artikolu 2154 liema artikolu jagħmel referenza għall-preskrizzjoni tar-reat kriminali in kwistjoni. L-ewwel qorti, sabiex tiddeċiedi liema minn dawn l-artikoli japplika, kellha tiddeċiedi hi, a bażi tal-provi prodotti quddiemha, jekk jissussistix xi reat kriminali. Bir-rispett kollu, l-ewwel qorti dan l-eżami ma għamlitux però straħet biss fuq il-fatt illi l-inkjesta maġisterjali li saret wara l-inċident ikkonkludiet illi m'għandhom jittieħdu l-ebda proċeduri kriminali in segwitu ta' dan l-incident. L-ewwel qorti rrimarkat ukoll rigward illi l-attriċċ ma setgħetx tikkontesta l-konklużjonijiet tal-inkjesta maġisterjali għaliex il-Kap. 9 ma jikkontemplax proċedura sabiex isir dan.

"Illi minn eżami tal-provi, mill-banda l-oħra, kellu jirriżulta illi jippersisti r-reat ta' omiċidju involontarju u għalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn kif kontemplat fl-artikolu 2153 tal-Kap 16 ma tapplikax.

"Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk din il-qorti tħoss li m'għandhiex tilqa' l-ewwel aggravju, xorta waħda s-sentenza appellata hija legalment żbaljata proċeduralment minħabba s-segwenti. Il-kawża tħalliet sabiex tiġi trattata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-Korporazzjoni Enemalta u sussegwentement tħalliet biex tingħata sentenza preliminari fuq din l-eċċezzjoni. Għalhekk l-ewwel qorti kellha tagħti sentenza preliminari fuq din l-eċċezzjoni u f'każ li jirriżulta li tali eċċezzjoni jistħoqqilha li tiġi akkolta, allura kellha tiddikjara illi l-azzjoni hija preskritta fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta u tiddifferixxi l-kawża għall-provi fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Charles Bonello.

"Illi però s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2010 hija sentenza finali fejn l-ewwel qorti, bi żvista, caħdet it-talbiet attriċi fil-konfront taż-żewġ konvenuti."

5. Enemalta wieġbet illi l-ewwel qorti qalet sew illi l-azzjoni tal-attur tintlaqat bil-preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u mhux dik taħt l-art. 2154 "*stante* illi l-akkadut ma jistax jitqies bħala delitt".

6. Fil-fehma ta' din il-qorti l-aggravji tal-attur għandhom jintlaqgħu. Ċertament huwa ġustifikat it-tieni aggravju, għax l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tgħin biss lil min iressaqha u mhux lil min ma ressaqhiex. Għalhekk, ukoll jekk l-eċċezzjoni kellha tintlaqa', twaqqa' l-azzjoni

biss kontra Enemalta u mhux ukoll kontra l-konvenut Bonello li ma resaqhiex.

7. Għandu iżda jintlaqa' wkoll l-ewwel aggravju.

8. Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili[1] li huma indipendenti minn xulxin, u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisidzzjoni kriminali ma humiex konklużivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili[2]. Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru ta' prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kul prova ammissibbli oħra[3], iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali.

9. Jekk l-azzjoni ċivili tintlaqatx bl-art. 2153 jew mill-art. 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx ħati tar-reat, iżda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-qorti ċivili u sal-grad ta' prova li trid il-liġi ċivili – illi l-fatt ma seħħx, l-azzjoni tfalli mhux minħabba l-preskrizzjoni iżda għax il-premessa tal-azzjoni ma ġietx provata. Iżda ma tistax apprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-liġi ċivili tgħid illi, għax il-qorti ta' ġurisidzzjoni kriminali ma sabitx ħtija ta' reat, dan *ipso iure* jwassal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ ma hijiex dik taħt l-art. 2154.

10. Fil-każ tallum l-attur essenzjalment qiegħed igħid illi l-għemil tal-konvenuti huwa dak ta' "min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd", li huwa r-reat kriminali ta' omiċidju involontarju kif definit taħt l-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa biżżejjed biex għall-każ ikun igħodd l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk imbagħad ma jinstabx li l-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, huwa ħati ta' dak in-

---

1 Art. 3, Kod. Krim.

2 Ara Carmelo Micallef St John et *v.* Richard Spiteri *et*, App. Ċiv. 15 ta' Jannar 2002.

3 Ara Maria Debono *et v.* Michelina Apap *et*, App. Ċiv. 29 ta' Novembru 2013.

nuqqas, dan, kif ġà ngħad, iwassal biex l-azzjoni taqa' minħabba nuqqas ta' prova tal-premessa tagħha, u mhux minħabba preskrizzjoni taħt l-art. 2153.

11. Anqas hi determinanti l-opinjoni tal-Maġistrat Inkwirenti fil-proċeduri tal-in ġenere għaliex tali opinjoni ma hix deċiżjoni tal-mertu, la dak kriminali u anqas dak ċivili.

12. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili kellha tiġi miċħuda.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u, minflok, tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153, u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

14. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, tħallashom Enemalta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------